ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of an amount of money due to or pertaining or belonging to Billal Righi and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any movable or immovable property up to a limit of 123,420.78 euro.

This freezing order is being recognised and executed in Malta according to Cap. 621 of the Laws of Malta, Legal Notice 180 of 2021 (Mutual Recognition of Freezing Orders and Confiscation Orders Regulations, 2021), and European Union Regulations 1805/2018.

Today 10th August, 2023

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1683

ARB/C062/2019 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Justine Grech)
(l-Ispettur Brian Paul Camilleri)

Kontra

PATRICK PULLICINO, jaħdem għal rasu, ta' 58 sena, bin Felice u Nazzarena xebba Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-8 ta' Frar, 1965, residenti ġewwa Flat 9, Belluga Flats, Triq il-Qaliet, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 97865M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat PATRICK PULLICINO sabiex jirċievi l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) dovuti lilu mingħand GasanMamo Insurance Ltd fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -4014 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

ARB/C062/2019 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd August, 2023, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Justine Grech)
(Inspector Brian Paul Camilleri)

Versus

PATRICK PULLICINO, self-employed, 58 years, son of Felice and Nazzarena née Camilleri, born in Pietà, Malta on the 8th February 1965, residing at Flat 9, Belluga Flats, Triq il-Qaliet, Marsaskala, and holder of Maltese identity card bearing number 97865M.

The Court AUTHORISES the accused PATRICK PULLICINO to receive the amount of one thousand, two hundred euro (€1,200) due to him from GasanMamo Insurance Ltd into the bank account listed in the name of the accused ending in -4014 and which is held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta following a freezing order which decree was given by the Court

bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Gabriella Vella, LLD) fit-12 ta' Novembru, 2019, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' PATRICK PULLICINO.

Illum 24 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD) on the 12th November, 2019, which was published in the Government Gazette on the 15th November, 2019, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to PATRICK PULLICINO.

Today 24th August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1684

ARB/C054/2019 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 145/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Anna Marie Xuereb)

Kontra

PATRICK CALLEJA, jaħdem għal rasu, ta' 56 sena, bin Carmelo u Carmela xebba Delceppo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-4 ta' Awissu, 1967, residenti ġewwa 64, Obsession, Triq il-Fortizza, Pembroke, u detentur ta' karta tal-iIdentità Maltija bin-numru 315067M.

Il-Qorti TORDNA L-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi kollha ta' PATRICK CALLEJA sal-limitu ta' wieħed u tletin elf, mitejn u tlieta u sebgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€31,273.81), liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD) permezz ta' digriet iddatat 3 ta' Ottubru, 2019, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta' Ottubru, 2019. Għaldaqstant, permezz ta' din il-kanċellazzjoni l-flus imsemmija għandhom jiġu rilaxxati hekk kif stipulat.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 5 (6) tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 25 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C054/2019 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th July, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD). Compilation Number 145/2019 in the case:

The Police
(Inspector Anna Marie Xuereb)

Versus

PATRICK CALLEJA, self-employed, 56 years, son of Carmelo and Carmela née Delceppo, born in Pietà, Malta on the 4th August, 1967, residing at 64, Obsession, Triq il-Fortizza, Pembroke, and holder of Maltese identity card bearing number 315067M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on all the assets of PATRICK CALLEJA up to a limit of thirty-one thousand, two hundred and seventy-three euro and eighty-one cents (€31,273.81), which order was given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD) by a decree dated 3rd October, 2019, which was duly published in the Government Gazette of the 8th October, 2019. Therefore, through this cancellation the mentioned funds shall be released as stipulated.

This notice is being published in terms of Article 5 (6) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta.

Today, 25th August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1685

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-19 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 1058/2010 fl-ismijiet Costantino Muscat f'ismu proprju u bħala prokuratur tal-assenti Joseph Muscat; Catherine mart Publius Farrugia u b'Digriet tal-15 ta' Novembru, 2017, l-atti tal-kawża f'isem Catherine mart Publius Farrugia ġew trasfużi f'isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia u Charles Farrugia stante l-mewt tagħha, Peter Camilleri, Ruth mart Brian John Agius, Janelle Camilleri, Giovanna Mizzi u b'Digriet tal-10 ta' Diċembru, 2015, l-atti tal-kawża f'isem Giovanna Mizzi ġew trasfużi f'isem Maria Theresa magħrufa bħala Marthese Mizzi stante l-mewt tagħha, Mosè Muscat u b'Digriet tal-31 ta' Lulju, 2014, l-atti tal-kawża f'isem Mosè Muscat ġew trasfużi f'isem Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri u Charles Muscat stante l-mewt tiegħu, Mary Anne Muscat bħala eredi ta' żewġha Rosario Muscat, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar, Maria Carmela Muscat; Peter Muscat u b'Digriet tal-14 ta' Ottubru, 2014, l-atti tal-kawża f'isem Peter Muscat gew trasfużi f'isem martu Michelina Muscat u uliedu Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Griscti u Josephine Saliba stante I-mewt tiegħu; Marguerite Vella f'isimha proprju u bħala prokuratrici tal-assenti Carmen Zerafa , Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b'Nota tal-11 ta' Ottubru tal-kawża, Grace Saliba f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Concetta sive Connie Carr li b'Nota tal-11 ta' Ottubru, 2011, ċediet l-atti tal-kawża, John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri u Rita Theuma; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia vs Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat u b'Digriet tat-23 ta' Marzu, 2022, Anna Muscat assumiet l-atti f'isem żewġha d-defunt Nazzareno Muscat sive Reno Muscat u b'Digriet tal-1 ta' Diċembru, 2011, ġew kjamati in kawża Maria Concetta sive Cettina Carr, Mary Rose sive Rose Buhagiar u Theresa Muscat, ordnat din il-pubblikazzjoni fil-konfront ta' 'l fuq imsemmija Jeanelle Sultana u Katerina Ciantar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1058/2010 Nazzareno sive Reno Muscat (KI 93658M) u Anna Muscat (KI 289657M ippreżentaw fis-7 ta' Lulju, 2022, appell kontra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Ġunju, 2022, fl-ismijiet premessi u ssollevaw tliet aggravji, ċjoè: 1) in-nuqqas ta' integrità ta' gudizzju; 2) dwar razzett bħala r-residenza tal-konvenuti; 3) dwar l-istimi tal-proprjetajiet.

Għaldaqstant, l-appellanti umilment jitolbu li l-Onorabbli Qorti tal-Appell: i) tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta'

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior jurisdiction) on the 19th June, 2023, in the records of the Appeal application number 1058/2010 in the names Costantino Muscat in his own name and as mandatary of the absentee Joseph Muscat; Catherine wife of Publius Farrugia and by Decree of the 15th November, 2017, the records of the cause in the name of Catherine wife of Publius Farrugia were transferred onto the name of Publius Farrugia, Joseph Farrugia and Charles Farrugia due to her death, Peter Camilleri, Ruth wife of Brian John Agius, Janelle Camilleri, Giovanna Mizzi and by Decree of the 10th December, 2015, the records of the cause in the name of Giovanna Mizzi were transferred onto the name of Maria Theresa known as Marthese Mizzi due to her death, Mose' Muscat and by Decree of the 31st July, 2014, the records of the cause were transferred onto Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri and Charles Muscat due to his death, Mary Anne Muscat as heir of her husband Rosario Muscat, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Michelina Muscat and his children Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Griscti and Josephine Saliba due to his death; Marguerite Vella in her own name and as mandatary of the absent Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar who by a Note of the 11th October of the cause Grace Saliba in her own name and as mandatary of the absent Concetta sive Connie Carr who by a Note of the 11th October, 2011, renounced the records of the cause, John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri and Rita Theuma; Publius Farrugia, Mario Farrugia and Joseph Farrugia vs Nazzareno sive Reno Muscat and Anna Muscat and by Decree of 23rd March, 2022, Anna Muscat took over the acts in the name of her deceased husband Nazzareno Muscat sive Reno Muscat and by Decree of 1 December, 2011, Maria Concetta sive Cettina Carr, Mary Rose sive Rose Buhagiar and Theresa Muscat were called into the suit, ordered this publication in regard to the above mentioned Jeanelle Sultana and Katerina Ciantar in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of the Appeal application number 1058/2010 Nazzareno sive Reno Muscat (ID 93658 M) and Anna Muscat (ID 289657 M) filed on the 7th July, 2022, this appeal against the judgement of the First Hall Civil Court of the 8th June, 2022, in the names premised and raised three grounds of appeal, namely: 1) the lack of legal integrity of the cause; 2) concerning a farm as the residence of the defendants; 3) regarding the estimates of the properties.

Therefore, the appellants humbly request that the Honourable Court of Appeal: i) cancels, revokes and annuls the decision of the Honourable First Hall Civil Court of

Ġunju, 2022, fl-ismijiet premessi; ii) tvarja l-istess sentenza fis-sens illi tħassar, tirrevoka u tikkanċella biss dik il-parti indikata fir-rikors; iii) takkolji t-tielet aggravju fis-sens spjegat fir-rikors. Bl-ispejjeż għall-atturi.

Notifika: Jeanelle Sultana Peregin, St Peter's Court, Flt 2, Triq San Ġużepp, Birżebbuġa
Katerina Farrugia née Ciantar, 2, Triq il-Ġibjun, Iż-Żurrieq ZRQ 3611

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), illum 22 ta' Awwissu, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the 8th June, 2022, in the names premised; ii) vary the said judgement in the sense that it cancels, revokes and annuls only that part indicated in the application; iii) upholds the third grievance in the sense explained in the application. With costs for the plaintiffs.

Notification: Jeanelle Sultana Peregin, St Peter's Court, Flt 2, Triq San Ġużepp, Birżebbuġa
Katerina Farrugia née Ciantar, 2, Triq il-Ġibjun, Żurrieq ZRQ 3611

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 22nd August, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1686

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-20 ta' Lulju, 2023, fl-atti tar-Rikors numru 23/2023 fl-ismijiet Rennie Azzopardi (KI 559877M) vs Claire Azzopardi née DeBono (KI 54779M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmija Claire Azzopardi, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal Metropolitan ta' Malta ddikjara null iż-żwieġ bejn il-partijiet imsemmija ċċelebrat fil-5 ta' Lulju, 2015, fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2023, Prot number 22/029. Permezz ta' digriet ta' eżekuttività tad-29 ta' Marzu, 2023, ġiet iddikjarata, ikkonfermata u ċċertifikata l-eżekuttività ta' din id-deċiżjoni.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna r-reġistrazzjoni tan-nullità taż-żwieg tiegħu mal-intimata kif fuq premessa mogħtija kif imsemmi u dan ai termini tal-Att taż-Żwieġ (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentment tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva ai termini tal-istess Att.

Notifika: Claire Azzopardi, D cutting Closet, Triq Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Awwissu, 2023

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior jurisdiction) on the 20th July, 2023, in the records of the application number 23/2023 in the names Rennie Azzopardi (ID 559877 M vs Claire Azzopardi née Debono (ID 54779 M) the following publication was ordered for the purpose of service in regard to the said Claire Azzopardi, in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

That the Metropolitan Tribunal of Malta declared null the marriage between the parties mentioned celebrated on the 5th July, 2015, in the sitting of the 23rd February, 2023, Prot number 22/029. By a decree of executability of 29th March, 2023, the executability of that decision was declared, confirmed and certified.

Thus, the applicant humbly requests this Honourable Court to order the registration of the nullity of his marriage with the respondent as above premised given as mentioned and this in terms of the Marriage Act (Cap. 255) of the Laws of Malta and consequently to order the Director Public Registry to duly register the definitive decision in terms of the same Act.

Notification: Claire Azzopardi, D cutting Closet, Triq Patri Ġużepp Calleja, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 24th August, 2023

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1687

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tar-Rikors numru 243/2018/1 fl-ismijiet Richard

By order of the Court of Appeal given on 15th June, 2023, in the records of Application number 243/2018/1 in

Vella vs Brigitte Vella, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront ta' Richard Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fil-29 ta' Mejju, 2023, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża bejn Richard Vella vs Brigitte Vella, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar il-15 ta' Ġunju, 2023, u ddifferita għall-5 ta' Ottubru, 2023, fl-10.10 a.m.

Notifika: Richard Vella, 65A, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Awwissu, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the names Richard Vella vs Brigitte Vella, the following publication was ordered for the purpose of service of Richard Vella pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By a Notice of Hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts on 29th May, 2023, and since the written proceedings before the Court of Appeal in the case between Richard Vella vs Brigitte Vella have been closed, the Court has set the hearing for this cause for 15 ta' Ġunju, 2023, and deferred to 5th October, 2023, at 10.10 a.m.

Notification: Richard Vella, 65A, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 24th August, 2023

DR FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1688

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Lulju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 792/2023, fl-ismijiet (rikorrenti) Trustrade Limited vs (intimat) Milioto Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Milioto Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (rikorrenti) Trustrade Limited (C10492) vs (intimat) Milioto Limited (C94259) fis-17 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Trustrade Limited (C10492) talbet lil dan l-Onorabbli Board:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-kumpanija intimata (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-kumpanija intimata naqset li tagħmel dan sal-lum.

Fond: 37, Marina Street, Marsaskala

Sentenza: sentenza finali u mhux appellata deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera bin-numru 701/2022NB fl-simijiet 'Trustrade Limited (C10492) vs Milioto Limited (C94259)' deċiża fl-14 ta' April, 2023, fejn ġie kkonfermat l-iżgumbrament tas-soċjetà intimata mill-fond 37, Marina Street, Marsaskala. Kopja tas-sentenza hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument X.

Illum 17 ta' Mejju, 2023

Ippreżentant mill-Avukat Carl Grech u l-PL Adriana Buhagiar

By means of a decree of the 27th July, 2023, by the Rent Regulation Board, in the records of the Warrant of Eviction number 792/2023 in the names (Applicant) Trustrade Limited vs (respondent) Milioto Limited the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company Milioto Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the Rent Regulation Board, in the names (applicants) Trustrade Limited (C10492) vs (respondent) Milioto Limited (C94259) filed on the 17th May, 2023, the applicants Trustrade Limited (C10492) asked this Honourable Board:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent company (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent company failed to do this till this day.

Premises: 37, Marina Street, Marsaskala

Judgement: final judgement and not appealed decided by the Rent Regulation Board with number 701/2022NB in the names "Trustrade Limited (C10492) vs Milioto Limited (C94259)" decided on the 14th April, 2023, whereby the eviction of the respondent company from the premises 37, Marina Street, Marsaskala was confirmed. A copy of the judgement is hereby attached and marked as Document X.

Today 17th May, 2023

Filed by Dr Carl Grech and LP Adriana Buhagiar

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Bord tal-Kera mill-Magistrat Dott. Joseph Mifsud, LLD

Illum 23 ta' Mejju, 2023

Rikorrenti: Trustrade Limited, Flat 2, Blue Waters, 44, Triq Sant'Anna, Marsaskala

Intimat: Milioto Limited, c/o William Panza (Direttur ta' Milioto Limited), Apt 3, Block 3, Lay Lay Complex, Entratura E, Triq in-Nadur, Marsaskala

Esekuzzjoni: 37, Marina Street, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Court above mentioned with the witness of the Rent Regulation Board by Magistrate Dr Joseph Mifsud, LLD

Today 23rd May, 2023

Applicants: Flat 2, Blue Waters, 44, Triq Sant'Anna, Marsaskala

Respondent: Milioto Limited c/o william Panza (Director of Milioto Limited), Apt 3, Block 3, Lay Lay Complex, Entratura E, Triq in-Nadur,Marsaskala

Execution: 37, Marina Street, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1689

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Saviour Ferrito vs HAB GOV Strategics Applied Technologies Limited, Rikors numru 582/2022JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Saviour Ferrito (KI 358140M) vs HAV GOV Strategics Applied Technologies Ltd (C70695), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-1 ta' Lulju, 2022, ir-rikorrenti Saviour Ferrito (KI 358140M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-kera (u VAT) kollha li fadlilha tħallas u l-pendenzi kollha, inkluż dawk relatati mal-utilitajiet, f'dak l-ammont likwidat minn dan l-Onorabbli Bord;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi, occorrendo, bl-opera ta' periti nominandi, illi s-soċjetà intimata kkawżat ħsara fil-fond bl-indirizz 3, Epsilon Building, Triq C. Portanier, Santa Venera, wara li jiġu identifikati l-ħsarat ikkawżati;

By means of a decree of the 19th June, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Saviour Ferrito vs HAV GOV Strategics Applied Technologies Limited, Application number 582/2022JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Saviour Ferrito (ID 358140M) vs HAB GOV Strategics Applied Technologies Ltd (C-70695) filed in the Rent Regulation Board, on the 1st July, 2022, the applicant Saviour Ferrito (ID 358140M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order the respondent company to pay the applicant all the rent (and VAT) that it has to pay and all the pendencies, including those related to utilities, in the amount liquidated by this Honourable Board;

2. Declare and decide, if necessary, with the appointment of referees, that the respondent company caused damage to the premises with address 3, Epsilon Building, Triq C. Portanier, Santa Venera, after identifying the damages caused;

3. Jikkundanna lill-istess soċjetà intimata tagħmel dawk ir-riparazzjonijiet u xogħlijiet kollha li jirriżultaw neċessarji sabiex tirrendi l-istess fondi fi stat tajjeb ta' riparazzjoni;

4. Jiffissa terminu li matulu s-soċjetà intimata għandha tagħmel dawn ir-riparazzjonijiet;

5. Jawtorizza lir-rikorrenti jagħmel huwa stess l-istess xogħlijiet a spejjeż tas-soċjetà intimata, taħt id-direzzjoni tal-istess perit nominandi, f'każ li hija tonqos milli tagħmel ix-xogħlijiet fiż-żmien li jiġi lilha hekk prefiss;

6. Jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti kawża tal-ksur tal-obbligi assunti mis-soċjetà intimata fl-iskrittura datata fit-8 ta' Novembru, 2018, jekk hemm bżonn bl-għajnuna tal-periti membri jew ta' esperti oħra u jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 1367/21, u bl-imħħaxijiet legali fuq l-ammonti kollha li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 40, Edelwiess, Triq is-Sienja, Ħ'Attard.

Intimata: Malta Life Sciences Park, Digital Hub LS 3, Level 0, San Ġwann

Ir-rikors fl-ismijiet Saviour Ferrito vs HAB GOV Strategics Applied Technologies Limited, Rikors numru 582/2022JG jinsab differit għas-16 ta' Ottubru, 2023, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Condemn the same respondent company to carry out all the repairs and works which prove necessary in order to render the same premises in a good state of repair;

4. Fix a period within which the respondent company is to carry out such repairs;

5. Authorise the applicant to carry out the same works at the expense of the respondent company, under the direction of the same appointed architect, in case she fails to carry out the works within the time fixed to her;

6. Liquidate the damages suffered by the applicant due to the violation of the obligations assumed by the respondent company in writing dated 8th November, 2018, if necessary with the help of the Member architects or other experts and condemn the respondent company to pay the applicant the damages so liquidated.

With all costs against the respondent company, including the judicial letter number 1367/21, and with legal interest on all the amounts that this Honourable Board deems fit to condemn the respondent company to pay, against the respondent company which is from now summoned so that a reference to its oath be made.

Applicants: 40, Edelwiess, Triq is-Sienja, Ħ'Attard

Respondent: Malta Life Sciences Park, Digital Hub LS 3, Level 0, San Ġwann

The application in the names Saviour Ferrito vs HAB GOV Strategics Applied Technologies Ltd, Application number 582/2022JG has been postponed for hearing to the 16th October, 2023, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1690

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Roselyn Kitcher vs Mary Borg, Rikors numru 401/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Roselyn Kitcher (KI 460272M) vs Mary Borg (KI 207445M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-13 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrenti Roselyn Kitcher talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of a decree of the 28th October, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Roselyn Kitcher vs Mary Borg, Application number 401/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Roselyn Kitcher (ID 460272M) vs Mary Borg (ID 207445M) filed in the Rent Regulation Board, on the 13th May, 2022, the applicant Roselyn Kitcher requested this Honourable Board why it should not:

1. Jirrevedi l-kera attwali fl-ammont ta' €419.29 fis-sena għal ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond mikri u ċjoè l-fond Flat 3, number 44, Triq il-Kappillan Mifsud, Il-Ħamrun;

2. Konsegwentement jordna lill-intimata sabiex tibda tħallas lill-esponenti l-ammont ta' kera hekk rivedut kull sena b'effett mill-1 ta' Mejju, 2022, u dan bla ebda preġudizzju għal dak li jiddisponi s-subinċiż (7) tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Jistabbilixxi kwalsijasi kundizzjonijiet oħra tal-kera li jistgħu jkunu meħtieġa u desiderabbli skont iċ-ċirkostanzi.

Salv kull provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jagħti u bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 13, San Martin, Triq il-Foss, Paola

Intimata: Flat 4, number 44, Triq il-Kappillan Mifsud, Il-Ħamrun

Ir-rikors fl-ismijiet Roselyn Kitcher vs Mary Borg, Rikors numru 401/2022LC, jinsab differit għall-25 ta' Settembru, 2023, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Revise the actual rent in the amount of €419.29 per annum for an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered open market value of the leased premises, namely the premises Flat 3, number 44, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun;

2. Consequently order the respondent to start paying the applicant the amount of rent thus revised every year with effect from the 1st May, 2022, and this without prejudice to the provisions of subsection (7) of Article 12B of Cap. 158 of the Laws of Malta;

3. Establish any other conditions of rent which may be necessary and desirable according to circumstances.

Saving any other provision that this Honourable Board is pleased to give and with costs against the respondent from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: 13, San Martin, Triq il-Foss, Paola

Respondent: Flat 3, number 44, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun

The application in the names Roselyn Kitcher vs Mary Borg, Application number 401/2022LC, has been postponed for hearing to the 25th September, 2023, at 10.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1691

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Awwissu, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mark Anthony Debono et vs Sylvia Scicluna et, Rikors numru 85/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Sylvia Scicluna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mark Anthony Debono (KI 202451M) u Nadya Tabone (KI 456653M) vs Sylvia Scicluna (KI 0501441M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-17 ta' Frar, 2023, ir-rikorrenti Nadya Tabone (KI 456653M) u Mary Anthony Debono (KI 202451M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Sylvia Scicluna (KI 0501441M) hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 10, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, u tikkwalifika bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-

By means of a decree of the 1st August, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mark Anthony Debono et vs Sylvia Scicluna et, Application number 85/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sylvia Scicluna in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Mark Anthony Debono (ID 202451M) and Nadya Tabone (ID 456653M) vs Sylvia Scicluna (ID 0501441M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 17th February, 2023, the applicants Nadya Tabone (ID 456653M) and Mark Anthony Debono (ID 202451M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Sylvia Scicluna (ID 0501441M) is the lessee of the premises 10, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, and qualify as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms

Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendata bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Sylvia Scicluna (KI 0501441M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kiterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2022, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-2022;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 10, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet gooda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ li l-intimata Sylvia Scicluna (KI 0501441M) ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond inkwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: Mark Anthony Debono, 73, Two Seas Court, Flat 9, Triq San Publiju, San Pawl il-Baħar
Nadya Tabone, 232, Belgravia Court, Flat 3, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Intimata: Sylvia Scicluna, 10 Triq San Vinċenz, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mark Anthony Debono et vs Sylvia Scicluna et, Rikors numru 85/2023JM, jinsab differit għat-3 ta' Ottubru, 2023, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021;

2. Order that the means test of the respondent Sylvia Scicluna (ID 0501441M) be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2022, and on the capital of the lessee on the 31st Decembe, 2022;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 10, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, and to establish new conditions regarding the lease.

4. Order that if the respondent Sylvia Scicluna (ID 0501441M) does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021;

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicants: Mark Anthony Debono – 73, Two Seas Court, Flat 9, Triq San Publiju, St Paul's Bay
Nadya Tabone – 232, Belgravia Court, Flat 3, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Respondents: Sylvia Scicluna, 10 Triq San Vinċenz, Tas-Sliema
Housing Authority

The application in the names Mark Anthony Debono et vs Sylvia Scicluna et, Application number 85/2023JM, has been postponed for hearing to the 3rd October, 2023, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1692

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4931/2022, fl-ismijiet Julia Cassar vs Jonathan Lia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-

By means of a decree of the 12th January, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4931/2022, in the names Julia Cassar vs Jonathan Lia, the following publication was ordered for the purpose of

intimat Jonathan Lian a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 22 ta' Novembru, 2022

Lil Jonathan Lia (KI 261091M) ta' 6 Dar il-Ken, Triq Cadeo, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti Julia Cassar (KI 530892M) ta' 52, Triq il-Qroll, Birżebbuġa, filwaqt li tifferi għall-proprjetà li intkom għandkom flimkien liema proprjetà tinsab Birżebbuġa u ċjoè l-fond 162/164, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, qiegħda tinfurmak formalment li hi ma tridx li tibqa' f'koproprjetà miegħek.

Illi inti diġà gejt imsejjaħ sabiex tersaq għall-ftehim skont il-liġi però bqajt inadempjenti, u ma ersaqtx tramite konsulent legali biex tinstab soluzzjoni u ma tibqgħux koproprjetarji;

Illi inti missek taf li sabiex ma tibqgħux koproprjetarji hemm bżonn li jiġi ingaġġat nutar pubbliku;

Oltre hekk inti missek taf li ma kellekx il-permess tal-mittenti sabiex tagħmel xogħljiet fil-proprjetà li hi għandha sehem minnha, u li kull xogħlijiet saru kontra l-liġi;

Illi għalhekk qiegħda ssir din il-proċedura.

Inti soleċitat ukoll sabiex tgħaddi kopja taċ-ċavetta tal-fond li inti biddilt kontra l-liġi.

Fin-nuqqas li inti tersaq fi żmien ġimgħa sabiex isir ftehim dwar il-bejgħ ta' din il-proprjetà lil terzi jew tagħmel offerta biex tixtri sehem il-klijenta tiegħi, il-klijenta tiegħi se tipproċedi b'kawża skont il-liġi b'dan li l-fond jinbiegħ bil-liċitazzjoni u ċjoè b'subbasta u kif ukoll sabiex jiġu likwidati d-danni subiti mill-mittenti skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra tiegħek

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

effecting service on the respondent Jonathan Lia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 22nd November, 2022

To Jonathan Lia (ID 261091M) of 6, Dar il-Ken, Triq Cadeo, Marsaxlokk

By the present Julia Cassar (ID 530892M) of 52, Triq il-Qroll, Birzebbuġa, whilst referring to the property you have together which property is situated in Birżebbuġa and namely the premises 162/164, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, is formally informing you that she does not want to remain co-owner with you.

That you have already been called upon to come forward to the agreement according to law but remained in default, did not come forward through a legal consultant to find a solution and do not remain co-owners;

That you should know that in order not to remain co-owners there is a need to appoint a notary public;

Furthermore, you should have known that you did not have the permission of the interpellant to carry out works in the property of which she has a share, and that all works were carried out against the law;

That thus this procedure is being made.

You are also solicited to pass a copy of the key of the premises that you changed against the law.

If you fail to come forward within one week to reach an agreement on the sale of this property to third parties or make an offer to buy my client's share, my client will file a lawsuit according to law so that the premises will be sold by licitation and that is by a judicial sale by auction as well as to liquidate the damages suffered by the interpellant according to law.

With costs against you

Registry of the Superior Courts, today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1693

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2144/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Tawfik Mohamed A. Abulkasim et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex

By means of a decree of the 9th August, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2144/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Tawfik Mohamed A. Abulkasim et noe, the following

isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati noe a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 25 ta' Mejju, 2023

Lil Tawfik Mohamed A. Abulkasim (passaport numru J9P8JY71) u Hatem M. H. Hedaji (passaport numru P60H7FJF) f'isimkom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà B'Lbosh Trading & Services Ltd (C67145) illum stralċjata mir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €418,660.53 rappreżentanti ammont minnkom dovut minnkom pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: Tawfik Mohamed A. Abulkasim, Tropea Court, Front Block, Flat 2, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema
Hatem M. H. Hedaji, Tropea Court, Front Block, Flat 2, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th May, 2023

To Tawfik Mohamed A. Abulkasim (passport number J9P8JY71) and Hatem M. H. Hedaji (passport number P60H7FJF) in your own name and as directors for and on behalf of the company B'Lbosh Trading & Services Ltd (C67145) today wound up by the Registrar of Companies.

By the present, the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €418,660.53 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to the same Act .

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Notification:
Tawfik Mohamed A. Abulkasim – Tropea Court, Front Block, Flat 2, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema
Hatem M. H. Hedaji, Tropea Court, Front Block, Flat 2, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

